MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Numru. 470/2012

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Matthew Muscat bin Bartholomew u Catherine nee` Grech imwieled fit-02 ta` Jannar fl-1989.Residenti 57,Triq sir Temi Zammit, Mgar u detentur tal-karta ta` l-identita bin-numru 21589M

Talli;

Nhar l-ewwel ta` Settembru fl-2011, ghall-habta ta` 18:35hrs gewwa Triq Burmarrad, S.P.B.:

1) Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBB-471 u waqt li kien qed issuq l-istess vettura, qasam il-linji l-bojod kontinwi.

2) B`nuqqas ta` hsieb u bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila lf-art jew professjoni jew b`nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffikui, habit ma` vettura nru. FAD-074 u involontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta` Publio Frendo.

3) U aktar talli b`nuqqas ta` hsieb u bi traskuragni jew b`nuqass ta` hila fl-art jew professjoni jew b` nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Publio Frendo skond kif iccertifika Dr. N. Abela M.D. Reg. 5211 mill-MDH.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fl-ewwel ta' Settembru, 2011, ghall-habta tas-6.35pm, l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu tat-tip Tata fi Triq Burmarrad, hiereg minn San Pawl il-Bahar fid-direzzjoni tal-Mosta. It-traffiku mid-direzzjoni opposta kien miexi bil-mod hafna. L-imputat ried jaghmel manuvra billi jikser ghal fuq il-lemin tieghu u jaqsam il-karreggjata opposta biex jidhol fi Sqaq Ciampra. Ghalhekk hu waqaf f'nofs it-triq u stenna li jcedulu l-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta. Hekk kif cediet vettura sabiex l-imputat jaqsam il-karreggjata u jidhol fl-isqaq indikat, dak il-hin inzerta ghaddej Publio Frendo b'mutur tat-tip Honda fuq in-naha ta' gewwa tat-triq, niezel mill-Mosta u miexi fid-direzzjoni ta' San Pawl. Hu kien qed isuq fil-"bicycle lane", u ma kienx ghaddej b'velocita'. Kif wasal fil-parti tat-triq li Sqaq Ciampra taghti ghal fuqha, inzerta dahal l-imputat bil-

vettura tieghu u tajjar li Frendo minn fuq il-mutur, bil-konsegwenza li dan tal-ahhar sofra griehi gravi u sofra hsarat fl-istess mutur. Hu nghata l-ghinuna medika necessarja, u sar rapport lill-Pulizija. B'hekk ittiehdu dawn il-proceduri fil-konfront tal-imputat u saret din il-kawza.

Mill-provi prodotti jidher li l-fatti tal-kaz m'humiex ikkontestati. Frendo kien qed isuq bil-mod il-mutur tieghu fil-karreggjata tar-roti fid-direzzjoni lejn San Pawl, jaqbez is-serbut ta' vetturi minn gewwa, meta safa milqut mill-vettura tal-imputat li qasmet it-triq biex tidhol fi sqaq. Jirrisulta li t-triq in kwistjoni ghandha linji bojod kontinwi t-tul kollu, hlief ghal xi partijiet aktar 'il fuq quddiem il-kappella u l-wied faccata tal-pont. Mad-daqqa t'ghajn, il-Qorti tikkonkludi li l-imputat ghamel manuvra skoretta ghall-ahhar meta dahal ghal fuq l-isqaq billi waqqaf il-vettura fin-nofs tat-triq u qasam il-linji bojod kontinwi. Huwa minnu li Frendo kien ghaddej fil-karreggjata tar-roti bil-mutur tieghu, jaqbez il-karozzi l-ohra minn gewwa, izda dan ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' tal-imputat. Ghall-grazzja tal-argument, setghet facilment kienet ghaddejja rota f'dik il-karreggjata, u l-imputat xorta kien itajjarha u s-sewwieq taghha. Il-manuvra li ghamel l-imputat kienet tmur kontra r-regolamenti, u mid-dinamika tal-incident jidher li hu unikament responsabbli ghall-akkadut.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 328, 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Din il-Qorti issib lill-istess imputat hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghal daqstant qegheda tikkagunah tlitt (3) xhur prigunerija sospizi ghal sena ai termini ta` l-Artikoli 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------